DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 200295** **22.02.2020**

**STQARRIJA MILL-KAMRA TAR-RAPPREŻENTANTI**

***Delegazzjoni tal-Parlament Malti tipparteċipa fil-laqgħa tas-CWP***

Fl-isfond tad-diskussjoni li għaddejja f'Malta dwar rappreżentanza akbar tan-nisa fil-Parlament ta' Malta, il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali Roderick Galdes u d-Deputy Speaker Claudette Buttigieg attendew għall-konferenza tal-fergħa tal-membri parlamentari nisa tal-Commonwealth (CWP) tar-reġjun tal-Gżejjer Brittaniċi u tal-Mediterran (BIMR), li nżammet ġewwa l-Falklands bejn is-17 u t-22 ta' Frar 2020.

Matul il-konferenza ġew diskussi temi attwali ħafna, fosthom il-vjolenza fuq in-nisa u l-femiċidju, kif ukoll l-importanza li tiżdied ir-rappreżentanza tan-nisa fi rwoli varji tat-tmexxija fis-soċjetà, inkluż fil-Parlament.

Il-konferenza rrikonoxxiet il-ħidma fil-parlamenti differenti u l-importanza ta' aktar kollaborazzjoni bejn il-membri minn pajjiżi differenti, speċjalment fit-taħriġ u l-formazzjoni tal-istess membri, kif ukoll ħidma iktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali tan-nisa.

Il-laqgħa li jmiss tal-membri parlamentari tal-BIMR se ssir f'Malta fi tmiem Mejju li ġej.

**Attachments: photo**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**